Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' April 2025
(OR. en)

8260/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0095(NLE)

JAI 495
COPEN 98
EPPO 4
GAF 8

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 24 ta' April 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 174 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 174 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 174 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.4.2025
COM(2025) 174 final

2025/0095 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939**

<u>**MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**</u>

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") ġie adottat fit-12 ta' Ottubru 2017 u daħal fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 2017[1]. L-UPPE assuma l-kompiti ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni mogħtija lilu b'dan ir-Regolament fl-1 ta' Ġunju 2021. L-UPPE huwa responsabbli għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u t-tressiq għall-ġustizzja tal-awturi u l-kompliċi ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li huma previsti fid-Direttiva (UE) 2017/1371[2], kif implimentati fil-liġi nazzjonali u ddeterminati bir-Regolament (UE) 2017/1939.

F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2017/1939, l-UPPE huwa organizzat f'livell ċentrali u deċentralizzat. Il-Kap Prosekutur Ewropew u l-Prosekuturi Ewropej – wieħed għal kull Stat Membru li jipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE – huma parti mil-livell ċentrali tal-UPPE u jifformaw il-Kulleġġ tal-UPPE. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ħatru bi qbil komuni l-ewwel Kap Prosekutur Ewropew f'Ottubru 2019[3]. Il-Kunsill ħatar l-ewwel 22 Prosekuturi Ewropej tal-UPPE f'Lulju 2020[4].

Il-mandat tal-Kap Prosekutur Ewropew huwa ta' 7 snin u ma jiġġeddidx (l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939). Il-mandat tal-Prosekuturi Ewropej huwa ta' 6 snin u l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jestendih għal massimu ta' 3 snin (l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939). L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi li kull 3 snin għandu jkun hemm sostituzzjoni parzjali ta' terz tal-Prosekuturi Ewropej. Il-mandat tal-Kap Prosekutur Ewropew attwali u ta' 7 Prosekuturi Ewropej se jiskadi f'Ottubru u f'Lulju 2026 rispettivament, u issa bdew il-proċeduri tal-għażla biex jissostitwixxuhom.

L-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi li għażla tal-Kap Prosekutur Ewropew għandha tkun imsejsa fuq sejħa miftuħa għal kandidati, li għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li minnha bord tal-għażla jenħtieġ li jħejji lista ristretta ta' kandidati kwalifikati li għandha tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi li l-Kunsill għandu jagħżel u jaħtar wieħed mill-kandidati nnominati mill-Istati Membri għall-kariga ta' Prosekuturi Ewropej wara li jkun irċieva l-opinjoni motivata tal-bord tal-għażla msemmi fl-Artikolu 14(3) tal-istess Regolament.

F'konformità mad-dispożizzjoni tal-aħħar, il-bord tal-għażla għandu jkun magħmul minn 12-il persuna, li għandhom jinħatru mill-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni, magħżula minn fost eks membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Awdituri, eks membri nazzjonali tal-Eurojust, membri tal-qrati supremi nazzjonali, prosekuturi ta' livell għoli u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta. Waħda mill-persuni magħżula għandha tiġi proposta mill-Parlament Ewropew.

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1-71.

2 Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29-41

3 Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 li taħtar il-Kap Prosekutur Ewropew tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, ĠU L 274, 28.10.2019, p. 1–2.

4 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1117 tas-27 ta' Lulju 2020 li taħtar il-Prosekuturi Ewropej tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, ĠU L 244, 29.7.2020, p. 18–20.

It-12-il membru tal-ewwel bord tal-għażla nħatru mill-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, f'Ottubru 2018[5], filwaqt li t-12-il membru tal-bord tal-għażla attwali nħatru f'Jannar 2023 għal perjodu ta' 4 snin mill-20 ta' Jannar 2023[6]. Membru wieħed tal-bord tal-għażla ġie sostitwit f'Ġunju 2024[7]. Is-Sa Tuire Tamminiemi, Prosekutur tal-Istat fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tal-Finlandja, kienet waħda mill-membri tal-bord tal-għażla maħtur f'Jannar 2023. Fis-7 ta' Marzu 2025, is-Sa Tamminiemi rriżenjat mill-bord tal-għażla. Il-Kunsill ġie informat dwar dan.

Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-bord tal-għażla, is-Sa Tamminiemi għandha tiġi sostitwita. F'konformità mar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla[8], is-sostitut tagħha għandu jinħatar għall-bqija tal-mandat tas-Sa Tamminiemi (jiġifieri, sal-20 ta' Jannar 2027). B'din il-proposta kurrenti, il-Kummissjoni għalhekk tipproponi lill-Kunsill jaħtar lis-Sa Johanna Hervonen, Kap Prosekutur tad-distrett tal-prosekuzzjoni tal-Finlandja tan-Nofsinhar, bħala membru tal-bord tal-għażla minflok is-Sa Tamminiemi. Is-Sa Hervonen issodisfat ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Meta pproponiet il-ħatra tagħha, il-Kummissjoni qieset il-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ f'termini ta' distribuzzjoni ġeografika, ġeneru u għarfien tas-sistemi legali tal-Istati Membri li jipparteċipaw fl-UPPE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-UPPE ġie stabbilit permezz tar-Regolament (UE) 2017/1939, li ġie adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 86 TFUE. L-UPPE ilu jeżerċita l-funzjonijiet mogħtija lilu mir-Regolament (UE) 2017/1939 mill-1 ta' Ġunju 2021. Billi tippreżenta din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sostituzzjoni ta' wieħed mill-membri attwali tal-bord tal-għażla, il-Kummissjoni qed tikkonforma mal-obbligu tagħha skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Din il-proposta tippermetti s-sostituzzjoni ta' membru tal-bord tal-għażla attwali, li l-mandat tiegħu għandu jiskadi fl-20 ta' Jannar 2027. Il-Funzjonament sħiħ tal-bord tal-għażla huwa importanti biex jippermetti l-finalizzazzjoni organizzata tal-proċeduri għall-għażla u l-ħatra tal-Kap Prosekutur Ewropew il-ġdid u 7 Prosekuturi Ewropej ġodda fl-2026.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni li għandhom l-għan li jsaħħu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-ħatra ta' membri tal-bord tal-għażla prevista fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 tista' tiġi deċiża biss mill-Kunsill, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, u b'hekk

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1275 tat-18 ta' Settembru 2018 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, ĠU L 238, 21.9.2018, p. 92–93.

[6] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 tas-17 ta' Jannar 2023 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, ĠU L 17, 19.1.2023, p. 90–91.

[7] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1777 tal-20 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 fir-rigward tas-sostituzzjoni ta' membru tal-bord tal-għażla, ĠU L, 2024/1777, 24.6.2024.

[8] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"), ĠU L 282, 12.11.2018, p. 8-12.

hija kompetenza esklużiva min-natura tagħha, li mhijiex soġġetta għall-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija limitata għal dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi proposti u hija għalhekk konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Din il-proposta hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-Kap Prosekutur Ewropew u l-Prosekuturi Ewropej ikunu jistgħu jiġu sostitwiti fi tmiem il-mandat tagħhom, u b'hekk jiġi żgurat l-iskjerament sħiħ u l-kontinwità fl-attivitajiet operazzjonali tal-UPPE.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 jipprevedi li l-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla fuq proposta tal-Kummissjoni. Ir-Regola II tar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla tipprevedi wkoll li persuna li għandha tissostitwixxi membru tal-bord tal-għażla għandha tinħatar għall-bqija tal-mandat tal-predeċessur skont l-istess proċedura. L-għażla tal-istrument propost hija għalhekk meħtieġa mil-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-kwistjoni.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Minħabba n-natura teknika ta' din il-proposta u n-nuqqas ta' diskrezzjoni fuq il-Kummissjoni, li qed tikkonforma mal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, ma twettqux evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità, konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u valutazzjonijiet tal-impatt.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux Applikabbli

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux Applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux Applikabbli

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux Applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux Applikabbli

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u l-monitoraġġ, arranġamenti ta' evalwazzjoni u rapportar**

Minħabba n-natura ta' din il-miżura, ma hemm l-ebda ħtieġa għal pjanijiet ta' implimentazzjoni u monitoraġġ u lanqas għal arranġamenti ta' evalwazzjoni u rapportar.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jipprevedi li s-Sa Johanna Hervonen tissostitwixxi lis-Sa Tuire Tamminiemi bħala membru tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

L-Artikolu 2 jipprevedi d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni.

2025/0095 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"[1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kap Prosekutur Ewropew jinħatar bi qbil komuni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minn fost lista ristretta ta' kandidati kwalifikati mħejjija mill-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Il-Prosekuturi Ewropej jinħatru mill-Kunsill minn fost tliet kandidati kwalifikati nnominati minn kull Stat Membru wara li jkunu rċevew opinjoni motivata minn dak il-bord tal-għażla.

(2) Il-membri attwali tal-bord tal-għażla nħatru għal perjodu ta' 4 snin mill-20 ta' Jannar 2023, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133[2]. Membru wieħed tal-bord tal-għażla ġie sostitwit f'Ġunju 2024[3].

(3) Fis-7 ta' Marzu 2025, wieħed mill-membri maħtur f'Jannar 2023, is-Sa Tuire TAMMINIEMI, irriżenjat mill-bord tal-għażla. Il-Kunsill ġie informat dwar dan.

(4) Jenħtieġ li jinħatar mill-aktar fis membru ġdid tal-bord tal-għażla biex jissostitwixxi lis-Sa TAMMINIEMI, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet tal-bord tal-għażla. Jenħtieġ li s-Sa Johanna HERVONEN, Kap Prosekutur tad-distrett tal-prosekuzzjoni tal-Finlandja tan-Nofsinhar, tinħatar bħala membru ġdid tal-bord tal-għażla. Meta pproponiet lil din il-persuna, il-Kummissjoni qieset il-ħtieġa għal bilanċ ġeografiku, bilanċ bejn il-ġeneri u rappreżentanza xierqa tas-sistemi legali tal-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE.

(5) F'konformità mar-Regola II tar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696[4], jenħtieġ li s-Sa HERVONEN tinħatar għall-bqija tal-mandat tal-predeċessur tagħha.

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1-71.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 tas-17 ta' Jannar 2023 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, ĠU L 17, 19.1.2023, p. 90–91.

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1777 tal-20 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 fir-rigward tas-sostituzzjoni ta' membru tal-bord tal-għażla, ĠU L, 2024/1777, 24.6.2024.

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2023/133 tiġi emendata skont dan.

(7) Sabiex jiġi żgurat li s-Sa HERVONEN tkun tista' tassumi l-funzjonijiet tagħha malajr u tipparteċipa fl-attivitajiet li jkunu għaddejjin tal-bord tal-għażla b'mod immedjat, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2023/133, l-isem "is-Sa Tuire TAMMINIEMI" huwa sostitwit bl-isem "is-Sa HERVONEN".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
*[...]*

---

kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"), ĠU L 282, 12.11.2018, p. 8-12.

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2023/133 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Ġustizzja

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura s-sostituzzjoni ta' wieħed mill-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura s-sostituzzjoni tas-Sa Tuire Tamminiemi, membru tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, mas-Sa Johanna Hervonen.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Is-Sa Tuire Tamminiemi se tiġi sostitwita mis-Sa Johanna Hervonen bħala membru tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

M/A

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☑ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja** [1]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

M/A

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment

[1] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (ex-ante)

L-emenda tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla prevista fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 tista' ssir biss mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni.

Valur miżjud tal-UE li mistenni jiġi ġġenerat (ex-post)

Bl-emendar tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Kunsill jippermetti s-sostituzzjoni f'waqtha tal-Kap Prosekutur Ewropew u 7 Prosekuturi Ewropej fl-2026, u b'hekk jiżgura l-istazzjonament sħiħ u l-kontinwità tal-attivitajiet operazzjonali tal-UPPE.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

L-istess proċedura ġiet segwita fl-2024, meta membru ieħor tal-bord tal-għażla kellu jiġi sostitwit, u wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1777 tal-20 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2023/133 fir-rigward tas-sostituzzjoni ta' membru tal-bord tal-għażla.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit.

1.6. Durata tal-proposta/inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☐ **durata limitata**

- ☐ fis-seħħ minn [JJ.XX]SSSS sa [JJ.XX]SSSS
- ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[2]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

[2] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati);
- ☐ il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment;
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku;
- ☐ korpi regolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jiġu pprovduti garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ korpi regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jiġu pprovduti garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- ☐ lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

[...]

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

M/A

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

M/A

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

M/A

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

Linji baġitarji eżistenti

*<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[1] | mill-pajjiżi tal-EFTA[2] | minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[3] | minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

Linji baġitarji ġodda mitluba

*<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni |
|---|---|---|---|

1 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
2 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
3 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

| finanzjarju pluriennali | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali | minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff./Mhux diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

☑ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

☐ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat

miljuni ta’ EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Numru | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: <.......> | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
| Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | **0,000** |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | **0,000** |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | **0,000** |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | **0,000** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[4] | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ <…….>** | Impenji | =1a+1b+3 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =2a+2b+3 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| DĠ: <.......> | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
| Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | |
| Linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | **0,000** |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | **0,000** |

[4] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Linja bağitarja | Impenji | (1b) | | | | | **0,000** |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | **0,000** |
| Approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta’ programmi speċifiċi[5] | | | | | | | |
| Linja bağitarja | | (3) | | | | | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ <…….>** | Impenji | =1a+1b+3 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =2a+2b+3 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| | Pagamenti | (5) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva | | (6) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |

5 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA <....>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =5+6 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | Numru | | | | |
| DĠ: <.......> | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
| Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | |
| Linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | **0,000** |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | **0,000** |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | **0,000** |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | **0,000** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta’ programmi speċifiċi[6] | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ <…….>** | Impenji | =1a+1b +3 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =2a+2b+3 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| DĠ: <.......> | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
| Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | |
| Linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | **0,000** |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | **0,000** |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | **0,000** |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | **0,000** |
| Approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta’ programmi speċifiċi[7] | | | | | | | |

6 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta, riċerka diretta.

7 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Linja bağitarja | | (3) | | | | | **0,000** |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ <…….>** | Impenji | =1a+1b +3 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | Pagamenti | =2a+2b+3 | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** | **0,000** |
| | | | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL QFP 2021-2027** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| | Pagamenti | (5) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | 0,000 | 0,000 | 0,000 | 0,000 | **0,000** |
